MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 1353/1999/1

**Joseph Schembri**

**v.**

**George Blanco u martu Roberta**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fl-14 ta' Gunju 1999, l-attur ippremetta illi favur tieghu jezisti kreditu dovut mill-konvenuti u liema debitu hu cert likwidu u skadut ossia dovut, u kontra din it-talba ghall-hlas ta' l-istess kreditu ma

tezisti l-ebda eccezzjoni la legali u lanqas fuq il-fatt; illi dan il-kreditu jammonta ghal elf lira Maltija (Lm1,000) bilanc minn somma akbar kif ukoll l-ammont ta' Lm340 imghaxijiet dovuti mill-1 ta' Frar 1995, sal-31 ta' Mejju 1999, u dana skond skrittura privata ffirmata bejn il-partijiet datata 25 ta' Jannar 1996, Dokument A; iIli ghal dan il-kreditu hija applikabbli c-citazzjoni sommarja, bid-dispensa mis-smigh u dan skond l-Artikolu 167 tal-Kap.12; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

"1. tikkundanna lill-istess konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bilanc minn somma akbar kif ukoll l-ammont ta' Lm340 imghaxijiet dovuti mill-1 ta' Frar 1995 sal-31 ta' Mejju 1999 u dana skond skrittura privata iffirmata bejn il-partijiet datata 25 ta' Jannar 1996, u dan bid-dispensa tas-smigh kif provdut fl-Artiklu 167 ta-Kap.12;

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

B'nota pprezentata fil-21 ta'Lulju 1999, il-konvenuti eccepew illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi s-somma pretiza mill-attur diga` giet imhallsa mill-konvenuti lill-attur hekk kif jidher minn prospett anness ma' l-istess nota.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fl-20 ta' Mejju 2005, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm moghtija cahdet it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez kontra l-attur u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkonsidrat:

“L-attur jippretendi li l-konvenuti huma debituri tieghu fis-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) bilanc minn somma akbar. F'dan ir-rigward l-attur jghamel referenza ghall-skrittura privata tal-partijiet datata 25 ta' Jannar, 1996.

Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu l-imsemmija somma oltre l-imghaxijiet relattivi;

“Il-konvenuti qed jeccepixxu li l-ammont pretiz mill-attur hu mhallas. Fid-dikjarazzjoni taghhom il-konvenuti ukoll jghamlu referenza ghall-imsemmija skrittura;

“Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti kienu inkarigaw l-attur biex jghamillhom xoghol ta’ bini fil-fond bin-numru 5, Ghajn Dwieli Road, Ghajn Dwieli. Wara li sar l-kejl u wara li nhareg il-kont kollu relattiv u wara li saru xi hlasijiet saret l-imsemmija skrittura privata tal-25 ta' Jannar 1996;

“B’din l-iskrittura privata tal-25 ta’ Jannar 1996, il-konvenuti konjugi Bianco kkostitwu ruhhom bhala veri, certi u likwidi debituri favur l-attur fis-somma ta’ tlett elef hames mija u tnejn u sebghin liri Maltin u tmien centezmi (Lm3572.08) rappresentanti bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ xoghol ta’ bini esegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti, u dana bil-pattijiet u kondizzjonijiet kollha kif kontenuti fl-istess skrittura (vide dokument a fol. 6). Fost dawn il-kondizzjonijiet hemm li l-imsemmi ammont kellu jithallas bir-rata ta’ Lm100 fix-xahar l-ewwel pagament kellu jithallas fl-ahhar ta’ Frar 1996.

“Il-konvenuti jsostnu li ftit granet wara l-25 ta' Jannar 1996, cioe` d-data meta saret l-imsemmija skrittura, huma hallsu s-somma ta' Lm1,000 b'cheque mahrug fuq il-Bank of Valletta. Jirrizulta li dan ic-*cheque* issarraf mill-attur fil-31 ta’ Jannar, 1996. Skond il-konvenuti ghalhekk il-hlas ta’ dawn l-elf lira Maltija (Lm1000) kien akkont tas-somma indikata fl-imsemmija skrittura;

“L-attur isostni li l-imsemmi hlas ta’ elf liri maltin (Lm1,000) jirreferi ghal qabel ma saret l-imsemmija skrittura privata. L-attur jghid li kien hemm ftehim li jekk il-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm1000 kien inaqqas Lm72 li kienet fil-fatt l-imghax li kien dovut. Il-konvenuti hallsu dan l-ammont u kien fadal Lm3572.08 kif hemm indikat fl-iskrittura. Il-konvenuti, wara dik l-iskrittura, hallsu s-somma ta' Lm100 fix-xahar pero` sa Lm2,500 u ghalhekk l-attur jippretendi li ghad ghandu jiehu l-ammont indikat fic-citazzjoni. L-attur

isostni li l-konvenuti kkonsenjaw l-imsemmi cheque ta' Lm1000 fit-23 ta' Jannar, 1996. Jirrizulta li ghal-ewwel dan ic-*cheque* ma ssarrafx pero` sussegwentement issarraf.

“Il-konvenuti pproducew ricevuti li jkopru l-ammont kollu li kien dovut. Huma ma pproducewx ricevuta ghar-rigward tal-Lm1,000 in kwestjoni. Jirrizulta ampjament, pero`, li c-*cheque* relattiv gie imsarraf mill-attur. F’dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li tirrizulta sufficjentement pruvata t-talba tal-attur ghal kundanna tal-konvenuti ghal hlas ta' l-imsemmija Lm1,000. Konsegwentement it-talba attrici ma tistax tigi akkolta.”

**L-appell ta’ l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza hawn fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavola fit-8 ta’ Gunju 2005, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa’ t-talbiet kollha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

Il-konvenuti pprezentaw risposta ghar-rikors ta’ l-appell tal-attur fejn talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**L-aggravji ta' l-attur appellant.**

L-ilment ta' l-attur appellant jidher li hu marbut ma l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-pagament ta’ LM1,000 li sehh f’Jannar 1996. Infatti l-attur jikkontendi li dan il-pagament sar qabel ma giet redatta u iffirmata li skirttura tal-25 ta’ Jannar 1996, u li konsegwentement dan l-ammont ma ghandux jonqos mill-ammont indikat bhala dovut mill-konvenuti fuq l-imsemmija skrittura.

Meta fi proceduri ghall-kundanna ta' hlas ta’ kreditu tinghata l-eccezzjoni tal-pagament jinkombi fuq il-konvenut li jipprova, bl-aktar mod sodisfacjenti, li effettivament sar il-hlas ta' l-ammont li jkun qed jigi

reklamat. Din il-prova normalment u fl-ahjar ipotezi ssir permezz ta’ ricevuti li jkunu debitament iffirmati mill-attur li jkun qed jippretendi l-hlas. Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenuti kienu debituri ta’ l-attur fis-somma ta’ LM10,572.08 rapprezentanti prezz ta’ xoghol ta’ kostruzzjoni, gebel u saqaf, ta’ fond proprjeta` taghhom u liema fond gie kostruwit mill-istess attur. Mid-diversi dokumenti ossia ricevuti esebiti mill-konvenuti, u liema dokumenti bl-ebda mod ma gew ikkontestati mill-attur, li sahansitra anke gharaf il-firma tieghu fuq kull dokument, jirrizulta li qabel ma giet iffirmata l-iskrittura tal-25 ta’ Jannar 1996, il-konvenuti kienu hallsu lill-attur is-somma ta’ LM7,000. Kien ghalhekk fadal bilanc ta’ LM3,572.08 liema debitu gie inkorporat fl-imsemmija skrittura. Jirrizulta ukoll li wara li giet redatta u iffirmata l-imsemmija skrittura l-konvenuti hallsu, skond ma kien gie miftiehem, diversi pagamenti ta’ LM100 il-wiehed, hlief ghall-ahhar pagament li kien ta’ LM75, biex b’hekk, skond l-attur kien fadal bilanc ta’ LM1,000.

Il-konvenuti pprezentaw *bank statement* li juri li fil-31 ta’ Jannar 1996, u cioe` hamest ijiem wara l-iffirmar ta' l-iskrittura, l-attur sarraf *cheque* mahrug mill-konvenuti ghall-ammont ta’ LM1,000. Ghalhekk il-konvenuti jikkontendu li huma ssaldaw d-debitu kollu taghhom. Jirrizulta inoltre, mir-raprezentant tal-Bank, li l-konvenuti kienu talbu *overdraft facilities* biex jhallsu certa debiti u li effettivament din il-facilita` intuzat biex inhareg dan ic-*cheque* ta’ LM1,000 favur l-attur.

L-attur jikkontendi li dan il-pagament inhareg qabel ma giet iffirmata l-iskrittura privata u li konsegwentement kien jifforma parti mis-LM7,000 li thallsu qabel ma din giet iffirmata. In sostenn ta’ dan l-attur jikkontendi li l-pagament li sar fl-14 ta’ Marzu 1995, kien biss ta’ LM600 u mhux ta’ LM1,600 kif isostnu l-konvenuti. Ta’ dan l-attur esebixxa kopja ta’ ircevuta miktuba minnu kif ukoll djarju b’notament li sar hlas ta’ LM600 f’dik id-data. Din il-Qorti pero` taraha stramba kif l-attur kellu f’idejh ricevuta li normalment tkun f’idejn id-debitur li jkun hallas, u aktar stramb huwa l-fatt li din l-ircevuta hija ta’ ghamla kompletament differenti minn dawk li saru bejn Frar 1994

u Marzu 1995, fejn fl-ahhar wahda minnhom l-istess attur iddikjara li kien irceva s-somma ta’ LM1,600, u liema ircevuti, kif inghad aktar 'il fuq, gew debitament rikonoxxuti mill-istess attur. Jinghad inoltre li l-attur ma rnexxilux jipprova li c-cheque ta’ LM1,000 kien inhareg qabel ma giet iffirmata li skrittura imsemmija u dan apparti l-fatt li, sehh meta sehh il-pagament, dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-provi juru li l-attur irceva l-pagament kollu dovut lilu.

Tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti ssaldaw id-debitu taghhom kollu fil-konfront ta' l-attur u li konsegwentement l-ewwel Qorti kienet korretta meta cahdet it-talba attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-istess attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------